

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tas-6 ta' Jannar 2004

li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* haġġin u ta' semen, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 5242)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/211/KE)

(ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/804/KE tas-17 ta' Ottubru 2008	L 277	36	18.10.2008
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/624/KE tat-28 ta' Awwissu 2009	L 227	7	29.8.2009
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/266/UE tat-30 ta' April 2010	L 117	85	11.5.2010
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/333/UE tal-14 ta' Ġunju 2010	L 150	53	16.6.2010
► <b><u>M6</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/463/UE tal-20 ta' Awwissu 2010	L 220	74	21.8.2010
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/776/UE tal-15 ta' Diċembru 2010	L 332	38	16.12.2010
► <b><u>M8</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/267/UE tat-3 ta' Mejju 2011	L 114	5	4.5.2011
► <b><u>M9</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/512/UE tat-18 ta' Awwissu 2011	L 214	22	19.8.2011
► <b><u>M10</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/686/UE tat-13 ta' Ottubru 2011	L 269	37	14.10.2011
► <b><u>M11</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/532/UE tas-27 ta' Settembru 2012	L 264	15	29.9.2012
► <b><u>M12</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/167/UE tat-3 ta' April 2013	L 95	19	5.4.2013
► <b><u>M13</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/259/UE tal-31 ta' Mejju 2013	L 150	28	4.6.2013
► <b><u>M14</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <b><u>M15</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/718/UE tal-4 ta' Diċembru 2013	L 326	49	6.12.2013
► <b><u>M16</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/86/UE tat-13 ta' Frar 2014	L 45	24	15.2.2014
► <b><u>M17</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/127/UE tas-7 ta' Marzu 2014	L 70	28	11.3.2014
► <b><u>M18</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/332/UE tal-4 ta' Ġunju 2014	L 167	52	6.6.2014
► <b><u>M19</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/501/EE tal-24 ta' Lulju 2014	L 222	16	26.7.2014

(\*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

- ▶ **M20** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/523/EE tal-4 ta' L 233 33 6.8.2014  
Awwissu 2014
- ▶ **M21** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/557 tal-31 L 92 107 8.4.2015  
ta' Marzu 2015



## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Jannar 2004

li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 5242)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/211/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' *equidae* <sup>(1)</sup> minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikoli 12 u 19(i) u (ii) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijoni li mhumiex suġġetti għall-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali kif stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità msemmija fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(b) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tipprovdi li l-importazzjoni ta' *equidae* titħalla ssir biss minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru f'lista li għandha tiġi inkorporata fil-lista ta' pajjiżi terzi stabbilita skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 72/462/KEE dwar il-problemi ta' spezzjonijiet sanitarji u veterinarji fl-importazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u ta' majjal, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi <sup>(3)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tfassal il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' annimali bovini, majjal, *equidae*, nagħaġ u mogħoż, laħam frisk u prodotti tal-laħam <sup>(4)</sup>, għet emendata sostanzjalment b'mod partikolari bl-esklużjoni ta' l-*equidae* mill-iskop tagħha. Madankollu d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ġew adottati fuq il-bażi tad-Direttiva 90/426/KEE u li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-importazzjoni ta' *equidae* jagħmlu provisjoni għal listi ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati biex jespertaw dawn l-annimali lill-Komunità u li huma bbażati fuq id-Deċiżjoni 79/542/KEE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 268, ta' 1-14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1398/2003 (ĠU L 198, tas-6.8.2003, p. 3).

<sup>(3)</sup> ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.

<sup>(4)</sup> ĠU L 146, ta' 1-14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2004/212/KE (Ara l-paġna 11 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

## ▼B

- (3) Ir-regoli li jirregolaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin taħt id-Direttiva 72/462/KEE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 li jirreferu għal lista ta' pajjiżi terzi li huma awtorizzati biex jespportaw annimali ħajjin, bħalissa huma taħt reviżjoni. Għal dan l-iskop il-Kummissjoni adottat Proposta għal Direttiva tal-Kunsill <sup>(1)</sup> li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u li temenda d-Direttivi 72/462/KEE, 90/426/KEE, 92/65/KEE u 97/78/KE. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 90/426/KEE ser jiġi emendat sabiex jiġu stabbiliti fih il-prinċipji li fuqhom tkun imfassla lista ta' pajjiżi terzi li minnhom hi awtorizzata l-importazzjoni ta' *equidae*.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE ta' l-10 ta' April 1992 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati <sup>(2)</sup>, tinsab fiha fl-Anness I lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul temporanju ta' dawn l-annimali, u stabbiliet il-kategoriji sanitarji tal-pajjiżi terzi.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE tat-2 ta' Frar 1993 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja <sup>(3)</sup>, tinsab fiha fl-Anness I lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul mill-ġdid ta' dawn l-annimali.
- (6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE tal-5 ta' Frar 1993 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' *equidae* għall-qtil <sup>(4)</sup>, tinsab fiha fin-nota f'qiegħ il-paġna 3 ta' l-Anness II lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' dawn l-annimali.
- (7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' *equidae* reġistrati u *equidae* għall-ifrat u l-produzzjoni <sup>(5)</sup>, tinsab fiha fl-Anness I lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' dawn l-annimali.
- (8) Huwa xieraq li l-pajjiżi terzi approvati għall-importazzjoni ta' *equidae* fil-Komunità jiġu elenkati f'att uniku Komunitarju.
- (9) F'ċerti każijiet, huma awtorizzati biss kategoriji speċifikati ta' *equidae* jew tip partikolari ta' importazzjoni minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE tal-5 ta' Marzu 1992 li tistabbilixxi r-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi għall-importazzjoni ta' *equidae* <sup>(6)</sup>, u għaċ-ċarezza ut-trasparenza dawn il-kondizzjonijiet tar-reġjonalizzazzjoni għandhom jiġu provduti wkoll flimkien mal-lista ta' pajjiżi terzi approvati u d-Deċiżjoni Nru 92/160/KEE tiġi mħassra.

<sup>(1)</sup> COM(2003) 570.

<sup>(2)</sup> ĠU L 130, tal-15.5.1992, p. 67. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/541/KE (ĠU L 185, ta' l-24.7.2003, p. 41).

<sup>(3)</sup> ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 1. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2001/611/KE (ĠU L 214, tat-8.8.2001, p. 49).

<sup>(4)</sup> ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 7. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2001/611/KE (ĠU L 214, tat-8.8.2001, p. 49).

<sup>(5)</sup> ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 16. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/541/KE (ĠU L 185, ta' l-24.7.2003, p. 41).

<sup>(6)</sup> ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 27. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2002/635/KE (ĠU L 206, tat-3.8.2002, p. 20).

## ▼B

- (10) Peress li l-lista ta' pajjiżi terzi hija lista fil-prinċipju, għandhom isiru dispożizzjonijiet għal referenzi għall-kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-importazzjoni ta' *equidae* skond il-leġislazzjoni Komunitarja.
- (11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/461/KE <sup>(1)</sup> tistabbilixxi miżuri protettivi rigward l-enċefalomjelite ekwina Venezweljana fil-Venezwela u l-Kolumbja li jiprobixxu d-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati mill-Venezwela u l-Kolumbja. Jidher xieraq għalhekk li l-lista tiġi adattata skond dan.
- (12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE <sup>(2)</sup> li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 92/160/KEE, 92/260/KEE u 93/197/KEE rigward id-dħul temporanju u l-importazzjoni fil-Komunità ta' żwiemel reġistrati mill-Affrika t'Isfel, tistabbilixxi kondizzjonijiet speċifiċi ta' importazzjoni inkluż ir-reġjonalizzazzjoni.
- (13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/63/KE tal-31 ta' Jannar 1994 li tfassal lista proviżorja ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ovina, kaprina u ekwina, u ova u embrijoni ta' l-ispeċi porċina <sup>(3)</sup>, fil-Parti II ta' l-Anness tagħha tirreferi għall-Partijiet 1 u 2 ta' l-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE. Din il-lista kienet stabbilita taħt l-Artikolu 28 tad-Direttiva 92/65/KEE għal perjodu transitorju ta' 3 snin.
- (14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/284/KE tal-31 ta' Marzu 2000 li tistabbilixxi l-lista ta' ċentri approvati għall-ġbir ta' semen għall-importazzjoni ta' semen ekwin minn pajjiżi terzi u li temenda d-Deċiżjonijiet 96/539/KE u 96/540/KE <sup>(4)</sup>, tinsab fiha lista ta' pajjiżi u stabbilimenti li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni ta' semen ekwin.
- (15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/539/KE ta' l-4 ta' Settembru 1996 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' sperma ta' l-ispeċi ekwina <sup>(5)</sup>, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/540/KE ta' l-4 ta' Settembru 1996 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina <sup>(6)</sup>, jistabbilixxu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li japplikaw għall-importazzjoni ta' semen, ova, u embrijoni ekwini, u referenza għal dawk id-dispożizzjonijiet għandha ssir ukoll f'lista konsolidata ta' pajjiżi terzi.
- (16) Huwa xieraq li l-listi speċifiċi tal-pajjiżi u l-kondizzjonijiet tar-reġjonalizzazzjoni mniżżla fid-Deċiżjonijiet 79/542/KEE, 92/160/KEE, 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE u 94/63/KE jiġu magħquda f'list konsolidata waħda, li tispeċifika l-kategorija sanitarja ta' pajjiżi terzi u fejn applikabbli, il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjoni ta' *equidae* u semen, ova u embrijoni ta' dak l-ispeċi minn dawk il-pajjiżi terzi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 40.

<sup>(2)</sup> ĠU L 3, tas-7.4.1997, p. 9. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/541/KE (ĠU L 185, ta' l-24.7.2003, p. 41).

<sup>(3)</sup> ĠU L 28, tat-2.2.1994, p. 47. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2001/734/KE (ĠU L 275, tat-18.10.2001, p. 19).

<sup>(4)</sup> ĠU L 94, ta' l-14.4.2000, p. 35. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2003/574/KE (ĠU L 196, tat-2.8.2003, p. 27).

<sup>(5)</sup> ĠU L 230, tal-11.9.1996, p. 23. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2000/284/KE (ĠU L 94, ta' l-14.4.2000, p. 35).

<sup>(6)</sup> ĠU L 230, tal-11.9.1996, p. 28. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni 2000/284/KE (ĠU L 94, ta' l-14.4.2000, p. 35).

**▼B**

- (17) Għalhekk id-Deċiżjonijiet 92/160/KEE u 95/461/KEE għandhom jiġu mħassra u d-Deċiżjonijiet 94/63/KE u 93/195/KEE emendati skond dan.
- (18) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Suġġett u skop**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew ta' partijiet minnhom fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni, li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' *equidae* u s-semen, ova u embrijoni tagħhom, u tindika l-kondizzjonijiet l-oħra li huma applikabbli għal din l-importazzjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom iġoddu:

kategorija ta' *equidae*: għandha tfisser *equidae* kif definit fl-Artikolu 2(ċ), (d) u (e) tad-Direttiva 90/426/KEE u żwiemel reġistrati;

“importazzjoni”: għandha tfisser l-introduzzjoni fit-territorju tal-Komunità ta' *equidae* ħajjin skond il-kondizzjonijiet stabbiliti speċifikament għat-tip partikolari ta' importazzjoni, notevolment id-dħul temporanju, id-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja u l-importazzjoni.

*Artikolu 3*

**Importazzjoni ta' *equidae* ħajjin**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' *equidae* ħajjin mill-pajjiżi terzi jew minn partijiet mit-territorji ta' daww il-pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 2 u 4 ta' l-Anness skond l-indikazzjonijiet imniżżla fl-Anness I, kif ġej:

- id-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati kif indikat fil-kolonna 6,
- id-dħul mill-ġdid wara esportazzjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u avvenimenti kulturali kif indikat fil-kolonna 7,
- l-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati kif indikat fil-kolonna 8,
- l-importazzjoni ta' *equidae* għall-qtil kif indikat fil-kolonna 9,
- l-importazzjoni ta' *equidae* reġistrati u ta' *equidae* għall-ifrat u l-produzzjoni kif indikat fil-kolonna 10.



#### Artikolu 4

##### Importazzjoni ta' semen ta' l-ispeċi ekwina

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen ta' l-ispeċi ekwina minn pajjiżi terzi jew minn partijiet mit-territorju ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 2 u 4 ta' l-Anness I rispettivament li minnhom l-importazzjoni permanenti ta' żwiemel reġistrati, *equidae* reġistrati jew *equidae* għall-ifrat u l-produzzjoni hija awtorizzata wkoll. Din l-importazzjoni għandha tkun suġġetta għall-kondizzjoni li s-semen miġbur għall-esportazzjoni lill-Komunità kien biss minn *equidae* li huma fil-kategorija ta' *equidae* ħajjin awtorizzati għall-importazzjoni permanenti u li din l-importazzjoni għandha tilħaq il-ħtiġijiet li jikkorrispondu ma' l-indikazzjonijiet imniżżla fil-kolonna 11, 12 u 13 ta' l-Anness I.

#### Artikolu 5

##### Importazzjoni ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina minn pajjiżi terzi jew minn partijiet mit-territorju ta' pajjiżi terzi elenkati fil-kolonna 2 u 4 ta' l-Anness I rispettivament li minnhom l-importazzjoni permanenti ta' *equidae* reġistrati u *equidae* għall-ifrat u l-produzzjoni hija awtorizzata wkoll. Din l-importazzjoni għandha tilħaq il-ħtiġijiet li jikkorrispondu ma' l-indikazzjonijiet imniżżla fil-kolonna 14 ta' l-Anness I.

#### Artikolu 6

##### Kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' *equidae* minn pajjiżi terzi

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw biss l-importazzjoni ta' *equidae*, li taderixxi il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-*equidae* għandhom jilhq u l-ħtiġijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat mudell korrispondenti previst fid-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/196/KEE u 93/197/KEE skond il-kategorija rilevanti ta' *equidae*, it-tip ta' importazzjoni u l-kategorija sanitarja kif indikat fil-kolonna 5 ta' l-Anness I li għalih kien assenjat il-pajjiż terz jew il-parti mit-territorju ta' pajjiż terz esportatur;
- (b) fejn applikabbli, l-importazzjoni ta' *equidae* għandha tkun suġġetta għall-garanzji jew kondizzjonijiet supplimentari msemmija fil-kolonna 15 tat-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni;
- (c) l-*equidae* m'għandhomx ikunu trasportati b'mezz ta' trasport li fuqu jinġarru *equidae* oħra li mhumiex destinati għall-Komunità;
- (d) kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali speċifiċi għall-importazzjoni fil-Komunità, l-*equidae* m'għandhomx ikunu trasportati b'mezz ta' trasport li fuqu jinġarru *equidae* ta' status ta' saħħa inferjuri;
- (e) waqt it-trasport lejn il-Komunità, l-*equidae* m'għandhomx jinħattu fit-territorju ta' pajjiż terz jew fparti tat-territorju ta' pajjiż terz li mhux approvat għall-importazzjoni ta' *equidae* fil-Komunità;

**▼B**

- (f) waqt it-trasport lejn il-Komunità, l-*equidae* m'għandhomx ikunu trasportati bit-triq, bil-ferrovija jew bil-mixi mit-territorju jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz li mhux approvat għal mill-inqas tip wieħed ta' importazzjoni ta' mill-inqas kategorija waħda ta' *equidae*;
- (g) l-*equidae* għandhom jaslu f'post ta' spezzjoni fil-fruntiera fil-punt tad-dħul fil-Komunità fi żmien 10 ijiem mid-data taċ-ċertifikazzjoni fil-pajjiż terz esportatur għal trasport jew moviment lejn il-Komunità. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, il-perjodu ta' 10 ijiem għandu jġi mtawwal biż-żmien li jieħu l-vjaġġ bil-baħar.

*Artikolu 7***Kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' semen ekwin minn pajjiżi terzi**

Importazzjoni fil-Komunità ta' semen ta' l-ispeċi ekwina għandha titħalla ssir biss, jekk dan is-semen huwa miġbur ġo ċentru għall-għbir tas-semen approvat skond id-Direttiva 92/65/KEE u elenkat fid-Deċiżjoni 2000/284/KE u jaderixxi l-kondizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-animalli previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/539/KE.

*Artikolu 8***Kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina minn pajjiżi terzi**

Importazzjoni fil-Komunità ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina għandha titħalla ssir biss jekk dawn l-ova u/jew embrijoni jaderixxu l-kondizzjonijiet stabbiliti fiċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-animalli previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/540/KE.

*Artikolu 9***Emendi**

1. L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 93/195/KEE huma emendati skond l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.
2. Id-Deċiżjoni 94/63/KE hija emendata kif ġej:
  - (a) It-titolu tad-Deċiżjoni huwa mibdul b'dan li ġej:
 

“Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 1994 li jfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ovina u kaprina u ova u embrijoni ta' l-ispeċi porċina”;
  - (b) Fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa mħassar.
  - (ċ) Fl-Anness, il-Parti II hija mħassra.

*Artikolu 10***Tħassir**

Id-Deċiżjonijiet 92/160/KEE u 95/461/KEE huma mħassra.



**▼B**

*Artikolu 11*

**Data ta' l-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Mejju 2004.

*Artikolu 12*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

## L-ANNEX I

Kodiċi ISO	Pajjiż	Kodiċi tat-territorju	Deskrizzjoni tat-territorju	KS	DT	Dħul mill-Ġdid	Importazzjoni			Importazzjoni				Kondizzjonijiet speċifiċi
					ŻR	ŻR	ŻR	EQ	ER + EIP	Semen			O/E	
										ŻR	ER	EIP		
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	AE-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
AR	L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
AU	L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
BB	Il-Barbados	BB-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
▼ <u>M1</u>														
▼ <u>M13</u>														
BH	Il-Baħrejn	BH-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	
▼ <u>B</u>														
BM	Il-Bermuda	BM-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
BO	Il-Bolivja	BO-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
▼ <u>M19</u>														
BR	Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
		BR-1	L-Istati ta': Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Mato Grosso do Sul, Goiás, Distrito Federal, Rio de Janeiro	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	—

▼ **B**

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
BY	Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CA	Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CL	Iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	

▼ **M13**

CN	Iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu		—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		CN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fil-Belt ta' Conghua, il-Municipalitá ta' Guangzhou, il-Provinċja ta' Guangdong inkluż il-passaġġ għall-awtostrada ta' bijosigurtá mill-ajruport u lejha fi Guangzhou u Hong Kong (ara l-Kaxxa 3 għad-dettalji)	C	X	X	X	—	—	—	—	—	—	
		CN-2	Il-post fejn se jsir il-Global Champions Tour fil-parkeġġ tal-Expo 2010 Nru 15 u l-passaġġ għall-ajruport internazzjonali ta' Shanghai Pudong fil-parti tat-Tramuntana ta' Pudong New Area u l-parti tal-Lvant tad-Distrett ta' Minhang taż-żona metropolitana ta' Shanghai (ara l-Kaxxa 5 għad-dettalji)	C	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—

▼ **M19**

CR	Il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		CR-1	Iż-żona Metropolitana ta' San José	D	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—

▼ **M19**

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
		CR-2	Iż-żona Metropolitana ta' San José	D	X	—	—	—	—	—	—	—	—	Esklussivament għal żwimel ikkwalifikati għall-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija fi Franza. Validu sal-15 ta' Ottubru 2014

▼ **B**

CU	Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
DZ	L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	X	X	

▼ **M6**

EG	L-Eġittu	EG-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
		EG-1	Il-Governorati ta' Lixandra, Beheira, Krafr el Sheikh, Damietta, Dakahlia, Port-Said, Sharkia, Gharbia, Menoufia, Kalioubia, Ishmailia, It-Tramuntana tas-Sinai, in-Nofsinhar tas-Sinai, il-Kajr (bħala l-Kajr Akbar li jinkludi l-belt ta' Giza), Suez, Marsa Martrouh, Fayoum, Giza u Beni Suef	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—

▼ **B**

FK	Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	A	—	—	X	—	X	X	X	X	X	
GL	Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
HK	Il-Hong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	

▼ B

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
▼ <u>M14</u>														
▼ <u>B</u>														
IL	L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
▼ <u>M18</u>														
IN	L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	C	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		IN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fiċ- Ċentru Remount and Veterinary Corps (RVC), Meerut Cantonment, fid-distrett ta' Meerut, fid-diviżjoni tal-Istat Meerut ta' Uttar Pradesh inkluża t-triq mill-ajru- port u lejn l-ajruport ta' New Delhi (ara l-Kaxxa 6 għad-dettalji)	C	X	—	X	—	—	—	—	—	—	Validu sal- 31 ta' Ottubru 2014
▼ <u>B</u>														
IS	Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
JM	Il-Ġamajka	JM-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
JO	Il-Ġordan	JO-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
JP	Il-Ġappun	JP-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
KG	Il-Kirgiztan	KG-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		KG-1	Ir-Reġjun ta' Issyk-Kul	B	—	—	X	—	—	X	—	—	—	

	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
<b>▼ B</b>	KR	Ir-Repub- blika tal- Korea	KR-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
<b>▼ M20</b>	KW	Il-Kuwajt	KW-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	
<b>▼ M9</b>	LB	Il-Libanu	LB-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
<b>▼ B</b>	LY	Il-Libja	LY-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	—	—	—	—	—	—	—	
	MA	Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
<b>▼ M2</b>	ME	Il-Monte- negro	ME-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
<b>▼ B</b>	MK (!)	FYROM	MK-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
	MO	Il-Makaw	MO-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
	MY	Il-Malasja	MY-0	Il-Peniżola	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
<b>▼ M3</b>	MU	Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	X	—	—	—	—	—	—	
<b>▼ M16</b>	MX	Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
			MX-1	Iż-żona Metropolitan tal-Belt tal-Messiku	D	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—
<b>▼ B</b>	NZ	In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
	OM	L-Oman	OM-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
	PE	Il-Perù	PE-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
			PE-1	Ir-Reġjun ta' Lima	D	X	X	X	—	—	X	—	—	—	—

▼ B

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
PM	St Pierre u Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	Ġ	—	—	X	—	X	X	X	X	X	
PY	Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
QA	Il-Qatar	QA-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	

▼ M1

\_\_\_\_\_

▼ M2

RS	Is-Serbja	RS-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
----	-----------	------	-----------------	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---	--

▼ B

RU	Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		RU-1	Il-Provinċji ta' Kaliningrad, Arkhangelsk, Vologda, Murmansk, Leningrad, Novgorod, Pskov, Briansk, Vladimir, Ivanovo, Tver, Kaluga, Kostroma, Moskva, Orjol, Riasan, Smolensk, Tula, Jaroslavl, Nijninogorod, Kirov, Belgorod, Voronezh, Kursk, Lipezk, Tambov, Astrahan, Volgograd, Penza, Saratov, Uljanovsk, Rostov, Orenburg, Perm u Kurgan	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
		RU-2	Ir-Reġjuni ta' Stavropol u Krasnodar	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
		RU-3	Ir-Repubbliki ta' Karelia, Marij-El, Mordovia, Chuvachia, Kalmykia, Tatarstan, Dagestan, Kabardino-Balkaria, Severnaya Osetia, Ingushetia u Karachaevo-Cherkesia	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	

▼B

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
SA	L-Għarabja Sawdita	SA-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		SA-1	Il-pajjiż kollu, ħliet iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza (ara l-KAXXA 1 għad-dettalji)	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
▼ <u>M2</u>														
▼ <u>B</u>														
SG	Singapor	SG-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
▼ <u>M7</u>														
SY	Is-Sirja	SY-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
▼ <u>B</u>														
TH	It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
TN	It-Tunizija	TN-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
TR	It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		TR-1	Il-Provinċji ta' Ankara, Edirne, Istanbul, Izmir, Kırklareli u Tekirdag	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	
UA	L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
US	L-Istati Uniti ta' l-Amerika	US-0	Il-pajjiż kollu	Ċ	X	X	X	X	X	X	X	X	X	



▼ **B**

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
UY	L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	

▼ **M8**

ZA	L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		ZA-1	Iż-żona metropolitana ta' Cape Town (ara l-kaxxa 2 għad-dettalji)	F	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—

▼ **B**

(<sup>1</sup>) Kodiċi Proviżorja li ma tolgotx id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li tiġi attribwita wara l-konklużjoni tan-negożjati li qed isiru bħalissa fi

*Nota:*

**Kaxxi**

X

Importazzjoni li titħalla ssir fil-prinċipju

—

Importazzjoni mhux awtorizzata

**Kolonni**

Kolonni 1-4:

Deskrizzjoni tat-territorju

Kolonna 5 (KS):

Kategorija Sanitarja

Kolonna 6 (DT):

Dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati

(Id-Deċiżjoni 92/260/KEE)

Kolonna 7 (Dħul mill-Ġdid):

Dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u avvenimenti kulturali wara esportazzjoni temporanja

(Id-Deċiżjoni 93/195/KEE)

Kolonna 8:

Importazzjoni ta' żwiemel reġistrati

(Id-Deċiżjoni 93/197/KEE)

Kolonna 9:

Importazzjoni ta' equidae għall-qtil

(Id-Deċiżjoni 93/196/KEE)

Kolonna 10:

Importazzjoni ta' equidae reġistrati u equidae għall-ifrat u l-produzzjoni

(Id-Deċiżjoni 93/197/KEE)

Kolonna 11:

Importazzjoni ta' semen miġbur minn żwiemel reġistrati

(Id-Deċiżjoni 96/539/KE)

Kolonna 12:

Importazzjoni ta' semen miġbur minn equidae reġistrati

(Id-Deċiżjoni 96/539/KE)

Kolonna 13:

Importazzjoni ta' semen miġbur minn equidae għall-ifrat u l-produzzjoni

(Id-Deċiżjoni 96/539/KE)

Kolonna 14:

Importazzjoni ta' ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina

(Id-Deċiżjoni 96/540/KE)

Kolonna 15:

Referenza għall-kondizzjonijiet speċifiċi/garanziji addizzjonali

**Animal/prodott:**

Kategoriji/kondizzjonijiet

ŻR

Żwiemel reġistrati

EQ

Equidae għall-qtil kif definit fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 90/426/KEE

ER

Equidae reġistri kif definit fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 90/426/KEE

EIP

Equidae għall-ifrat u l-produzzjoni kif definit fl-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 90/426/KEE

Semen

Semen ta' l-ispeċi ekwina miġbur skond id-Direttiva 92/65/KE

O/E

Ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina miġbur skond id-Direttiva 92/65/KE

▼B

Kaxxa 1:

SA	L-Għarabja Sawdita	SA-1	<p>Delimitazzjoni taż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza (KAXXA 1):</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Provinċja ta' Jizan <ul style="list-style-type: none"> <li>— żona ta' protezzjoni: il-provinċja kollha, ħlief il-parti fit-tramuntana tal-post ta' kontroll tat-triq f'Ash-Shuqaiq fi triq Nru 5 u fit-tramuntana tat-triq Nru 10;</li> <li>— żona ta' sorveljanza: il-parti tal-provinċja fit-tramuntana tal-post ta' kontroll tat-triq f'Ash-Shuqaiq fi triq Nru 5, ikkontrollata bil-post ta' kontroll tat-triq f'Al Qahmah, u fit-tramuntana tat-triq Nru 10.</li> </ul> </li> <li>2. Provinċja ta' Asir <ul style="list-style-type: none"> <li>— żona ta' protezzjoni: il-parti tal-provinċja ddelinjata mit-triq Nru 10, bejn Ad Darb, Abha u Kamis-Mushayt lejn it-tramuntana, ħlief għall-klabbs ekwestri fil-bażijiet militari u ta' l-ajru tagħhom, u l-parti tal-provinċja ddelinjata lejn it-tramuntana mit-triq Nru 15 li minn Kamis-Mushayt tagħti għall-fruntiera mal-provinċja ta' Najran u tgħaddi minn Jarash, Al Utfah u Dhahram Al Janoub, u, il-parti tal-provinċja ddelinjata lejn it-tramuntana mit-triq li minn Al Utfah tagħti għal Badr Al Janoub u tgħaddi minn Al Fayd (Provinċja ta' Najran);</li> <li>— żona ta' sorveljanza: il-klabbs ekwestri fil-bażijiet militari u ta' l-ajru tagħhom, il-parti tal-provinċja bejn il-fruntiera taż-żona ta' protezzjoni u t-triq Nru 209 minn Ash-Shuqaiq sal-post ta' kontroll tat-triq Muhayil fit-triq Nru 211, il-parti tal-provinċja bejn il-post ta' kontroll fit-triq Nru 10 fin-nofsinar ta' Abha, il-belt ta' Abha u l-post ta' kontroll tat-triq Ballasmer 65 km minn Abha fit-triq Nru 15 li tagħti lejn it-tramuntana, il-parti tal-provinċja bejn Khamis-Mushayt u l-post ta' kontroll tat-triq 90 km minn Abha fit-triq Nru 225 għal Samakh u l-post ta' kontroll tat-triq f'Yarah, 90 km minn Abha, fit-triq Nru 10 li tagħti għal Riyadh, u, il-parti tal-provinċja fin-nofsinar ta' linja virtwali bejn il-post ta' kontroll tat-triq f'Yarah fit-triq Nru 10 u Khashm-Ghurab fit-triq Nru 177 sal-fruntiera tal-provinċja ta' Najran.</li> </ul> </li> <li>3. Provinċja ta' Najran: <ul style="list-style-type: none"> <li>— żona ta' protezzjoni: il-parti tal-provinċja ddelinjata mit-triq li tagħti minn Al Utfah (provinċja ta' Asir) għal Badr Al Janoub u għal As Sebt u minn As Sebt matul Wadi Habunah għall-konġunzjoni ma' triq Nru 177 bejn Najran u Riyadh lejn it-tramuntana u minn din il-konġunzjoni permezz ta' triq Nru 177 li tagħti lejn in-nofsinar għall-konġunzjoni mat-triq Nru 15 minn Najran għal Sharourah, u l-parti tal-provinċja fin-nofsinar tat-triq Nru 15 bejn Najran u Sharourah u l-fruntiera mal-Jemen;</li> <li>— żona ta' sorveljanza: il-parti tal-provinċja fin-nofsinar ta' linja bejn il-post ta' kontroll tat-triq f'Yarah, fit-triq Nru 10, u Khashm-Ghurab, fit-triq Nru 177, mill-fruntiera tal-provinċja ta' Najran sal-post ta' kontroll tat-triq f'Khashm-Ghurab, 80 km minn Najran, u fil-punent tat-triq Nru 175 li tagħti għal Sharourah.</li> </ul> </li> </ol>
----	--------------------	------	--

Kaxxa 2:

ZA	L-Affrika t'Isfel	ZA-1	<p>Delimitazzjoni taż-żona Metropolitana ta' Belt tal-Kap (ZA-1): Limiti fit-tramuntana:  Blaauwberg Road (M14);  Limiti fil-lvant:  Koeberg Road (M14), Platteklouf Road (M14), Awtostrada N7 Highway, N1 Highway u M5 Highway;  Limiti fin-nofsinar:  Ottery Road, Prince George's Drive, Wetton Road, Riverstone Road, Tennant Road, Newlands Drive, Paradise Road, Union Drive, Rhodes Drive sa l-istazzjon ta' Newlands Forestry u jaqsam minn ǃo Echo Gorge of Table Mountain sa Camps Bay;  Limiti fil-punent:  il-linja tal-kosta minn Camps Bay sa Blaauwberg Road.</p>
----	-------------------	------	--

Kaxxa 3:

CN	Iċ-Ċina	CN-1	<p>Iż-żona speċifika ħielsa mill-marda tal-ekwina fil-Provinċja ta' Guangdong bid-delimitazzjoni li ġejja:</p> <p>Iż-żona ċentrali: is-sit ekwestru fil-Villaġġ ta' Reshui, Lingkou tal-Belt ta' Conghua u ż-żona tal-madwar li qiegħda f'radju ta' ħames km ikkontrollata mit-triq tal-post ta' kontroll fit-Triq Nazzjonali 105;</p> <p>Iż-żona ta' sorveljanza: id-diviżjonijiet amministrattivi kollha fil-Belt ta' Conghua u ż-żona tal-madwar li tkopri erja ta' 2 009 km<sup>2</sup>;</p> <p>Iż-żona ta' protezzjoni: fruntieri 'l barra mid-diviżjonijiet amministrattivi kontigwi li ġejjin li jdawru ż-żona ta' sorveljanza:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— id-Distrett ta' Baiyun, id-Distrett ta' Luogang tal-Belt Conghua,</li> <li>— id-Distrett ta' Huadu tal-Belt Guangzhou,</li> <li>— il-Belt ta' Zengcheng,</li> <li>— id-diviżjonijiet amministrattivi fid-Distrett ta' Qingcheng tal-Belt Qingyuan,</li> <li>— il-Kontea ta' Yongkang;</li> <li>— il-Kontea ta' Xinfeng;</li> <li>— il-Kontea Longmen;</li> </ul> <p>Il-bijosigurtà il-passaġġ tal-awtostrada: — mis-sit ekwestru fiż-żona ċentrali għall-Ajruport Internazzjonali Guangzhou Baiyun mit-Triq Nazzjonali 105, l-Awtostrada Jiebei, it-triq veloċi tal-ajruport, inkluża ż-żona ta' esklużjoni ekwina ta' 1 km madwar l-Ajruport Internazzjonali ta' Baiyun fil-Belt ta' Guangzhou;</p> <p>— mis-sit ekwestru fiż-żona ċentrali għall-Port Shenzhen Huanggang fil-fruntiera taċ-Ċina ma' Hong Kong mit-Triq Nazzjonali 105, l-awtostrada Jiebei, it-triq veloċi taċ-ċirku tat-Tramuntana Nru 2 u l-awtostrada ta' Guang-Shen maż-żona ta' esklużjoni ekwina fuq iż-żewġ naħat ta' dik l-awtostrada ta' wisa' ta' mill-inqas 1 km;</p> <p>Kwarantina ta' qabel id-dħul: il-faċilitajiet ta' kwarantina fiż-żona protetta magħżula mill-awtorità kompetenti għall-preparazzjoni ta' ekwidi minn partijiet oħra taċ-Ċina għad-dħul fiż-żona ħielsa mill-marda tal-ekwina.</p>
----	---------	------	---

**▼ M13**

Kaxxa 5:

CN	Iċ-Ċina	CN-2	Id-delimitazzjoni taż-żona fiż-żona metropolitana ta' Shanghai: Il-fruntiera tal-Punent: Ix-xmara Huangpu mill-estwarju tagħha fit-Tramuntana għall-qasma fi tnejn tax-xmara Dazhi, Il-fruntiera tan-Nofsinhar: mill-qasma fi tnejn tax-xmara Huanpu għall-estwarju tax-xmara Dazhi fil-Lvant, Il-fruntieri tat-Tramuntana u tal-Lvant: il-linja tal-kosta
----	---------	------	---

**▼ M18**

Kaxxa 6:

IN	L-Indja	IN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fiċ-Ċentru Remount and Veterinary Corps (RVC), Meerut Cantonment, fid-distrett ta' Meerut, fid-diviżjoni tal-Istat Meerut ta' Uttar Pradesh (lokalizzat f' 29.028893, 77.731018 jew + 29° 01' 44.01", + 77° 43' 51.66") u mdawwar b'żona ta' sorveljanza ta' 10 km, inkluż l-aċċess mit-toroq ta' Roorkee, Mawana u Delhi għall-awtostrada nazzjonali Nru 58, Hapur Road (57), triq GT, triq Dharampura, triq Eastern Approach, Yudister Setu, Lala Hardev Sahai Marg, triq Mahatma, Vandemataram Marg, l-awtostrada nazzjonali Nru 8, triq tal-ajruport, Ullan Batar Marg sal-ajruport internazzjonali Indira Gandhi fi New Delhi.
----	---------	------	---

*L-ANNEX II*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE hija emendata kif ġej:

1. Il-lista ta' pajjiżi terzi fi Grupp D fl-Anness I hija mibdula b'dan li ġej:

“l-Arġentina (AR), il-Barbados (BB), il-Bermuda (BM), il-Bolivja (BO), il-Brażil <sup>(1)</sup> (BR), iċ-Ċili (CL), il-Kosta Rika <sup>(1)</sup> (CR), Kuba (CU), il-Ġamajka (JM), il-Messiku <sup>(1)</sup> (MX), il-Perù <sup>(1)</sup> (PE), il-Paragwaj (PY), l-Urugwaj (UY).”

2. Il-lista ta' pajjiżi terzi fi Grupp D fit-titolu taċ-Ċertifikat tas-Saħħa fl-Anness II hija mibdula b'dan li ġej:

“l-Arġentina, il-Barbados, il-Bermuda, il-Bolivja, il-Brażil <sup>(1)</sup>, iċ-Ċili, il-Kosta Rika <sup>(1)</sup>, Kuba, il-Ġamajka, il-Messiku <sup>(1)</sup>, il-Perù <sup>(1)</sup>, il-Paragwaj, l-Urugwaj.”